

Brussell, 14 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11153/24

COSI 118
ENFOPOL 300
CRIMORG 96
CATS 60
CORDROGUE 82
COPEN 315
JAI 1037

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	13 ta' Ġunju 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10512/24	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immappjar ta' networks kriminali ta' riskju għoli – Konklużjonijiet tal-Kunsill (13 ta' Ġunju 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immappjar ta' networks kriminali ta' riskju għoli, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fl-4031 laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2024.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immappjar ta' networks kriminali ta' riskju għoli**Introduzzjoni**

- a) Il-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar illeċitu tad-droga tirrappreżenta theddida kbira għaċ-ċittadini, in-negozji u l-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll għall-ekonomija Ewropea u għas-sigurtà tal-Istati Membri. In-networks kriminali qed jużaw dejjem aktar il-vjolenza estrema, il-korruzzjoni, u l-infiltrazzjoni tal-ekonomija leċita u l-ktajjen tal-provvista, u b'hekk idgħajfu l-istat tad-dritt u jipperikolaw il-prinċipji fundamentali tad-demokrazzi tagħna.
- b) L-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata 2021-2025¹ għandha l-għan li tagħti spinta lill-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, tindirizza l-istrutturi tal-kriminalità organizzata u r-reati kriminali ta' prijetà għolja, telimina l-profitti kriminali u tiżgura rispons modern għall-iżviluppi teknoloġiċi. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025² u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025³ jipprovdu l-qafas politiku ġenerali tal-politika dwar id-drogi. Huma jadottaw approċċ ibbażat fuq l-evidenza, integrat, ibbilanċjat u multidixxiplinarju għall-fenomenu tad-drogi fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali. Aktar reċentement, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata⁴, stipulat azzjonijiet dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza taċ-ċentri logiġiċi, inkluż permezz tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej, dwar iż-żarmar ta' networks kriminali ta' riskju għoli, dwar il-prevenzjoni u dwar il-kooperazzjoni internazzjonali.

¹ 8085/21 + ADD 1

² Strateġija tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025: ĠU C 102I tal-24.3.2021, p. 1

³ Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drogi 2021-2025: ĠU C272 tat-8.7.2021, p. 2

⁴ 14114/23

- c) Abbażi ta' dan il-qafas, huwa essenzjali li tittieħed azzjoni li tħalli impatt, inkluż fuq il-kriminalità organizzata relatata mad-drogi, permezz ta' sforz kollaborattiv mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, u b'approċċ multidimensjonali. Dawn il-konklużjonijiet jindirizzaw l-aspetti ta' dawn l-azzjonijiet relatati mat-tfaċċar u l-proliferazzjoni ta' networks kriminali bħala theddida dejjem tikber għas-sigurtà u l-istabbiltà madwar l-Ewropa, li jeħtieġu rispons koordinat u effettiv b'saħħtu mill-Unjoni Ewropea.
- d) L-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata 2021-2025 enfasizzat il-ħtieġa ta' "stampa ta' intelligence aktar robusta tal-gruppi tal-kriminalità organizzata li huma fil-qalba tal-web kumplessa tan-networks tal-kriminalità organizzata" u stiednet lill-Europol u lill-Istati Membri "biex jiżviluppaw stampi strateġiċi u tattiki mmexxija mill-intelligence dwar dawk il-gruppi li huma ta' theddida akbar għas-sigurtà tal-Ewropa, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' rapporti ad hoc li jikkomplementaw il-Valutazzjoni tal-UE dwar it-Theddida mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA)".
- e) F'konformità mal-Istrateġija tal-UE biex tiġi miġġielda l-kriminalità organizzata 2021-2025, il-konklużjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu l-prijoritajiet tal-UE għall-għieda kontra l-kriminalità serja u organizzata għall-EMPACT 2022-2025⁵ adottaw ukoll l-identifikazzjoni u t-tfixkil ta' networks kriminali ta' riskju għoli (HRCN)⁶ attivi fl-UE bħala prijorità ġdida u bħala wieħed mill-għanijiet strateġiċi orizzontali komuni (CHSG), li jiġbru flimkien l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji tal-Istati Membri tal-UE u s-sħab internazzjonali tagħhom (inkluż 37 pajjiż terz fl-2023), b'appoġġ mill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE.
- f) Wieħed mill-għanijiet strateġiċi importanti fi ħdan il-prijorità tal-HRCN huwa li tissaħħaħ l-istampa tal-intelligence tan-networks ta' riskju għoli.
- g) Skont il-pjan direzzjonali tal-UE għall-għieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata, għandha tingħata attenzjoni speċifika lil dawk in-networks li huma l-akbar theddida għas-soċjetà tagħna u għall-pubbliku.
- h) Minbarra dan, il-pjan direzzjonali tal-UE appella lill-Europol biex, bl-appoġġ tal-Istati Membri, twettaq eżerċizzju ta' mmappjar fil-bidu tal-2024 biex tidentifika n-networks kriminali li jippreżentaw l-akbar theddid, kemm jekk qed joperaw f'pajjiżi tal-UE kif ukoll jekk qed joperaw f'pajjiżi terzi.

⁵ 8665/21

⁶ 14542/2/23 REV 2

- i) F'April 2024, il-Europol ippreżentat ir-rapport tagħha "Decoding the EU's most threatening criminal networks" (Id-dekodifikazzjoni tan-networks kriminali ta' riskju għoli tal-UE), li jirrappreżenta pass importanti fil-fehim tad-dinamika u l-komplessitajiet tan-networks kriminali l-aktar ta' theddida.
- j) Ir-rapport jirrappreżenta stampa ta' intelligence komplementari importanti għall-EU SOCTA billi janalizza f'aktar dettall il-kapaċitajiet u l-intenzjoni tal-atturi ewlenin responsabbli għal dawn ir-reati kriminali u billi jiddeskrivi l-karatteristiċi tan-networks kriminali li huma ta' theddida ewlenija għas-sigurtà interna tal-UE.
- k) Ir-rapport tal-Europol irriżulta f'sett ta' data uniku li jagħti dettalji dwar it-821 network kriminali ta' riskju għoli, b'informazzjoni estensiva dwar l-attivitajiet tagħhom, in-nazzjonalitajiet tal-membri tagħhom u l-modus operandi tagħhom, kif ukoll dwar l-użu min-naħa tagħhom ta' strutturi kummerċjali legali, konnessjonijiet ma' networks kriminali oħra u relazzjonijiet ma' pajjiżi oħra. Din l-informazzjoni kollha hija disponibbli f'bażi ta' data ċentralizzata waħda fi ħdan il-Europol.
- l) Skont ir-rapport tal-Europol, dawn in-networks kriminali juru aġilità notevoli biex jadattaw il-proċessi tan-negozju kriminali tagħhom, huma kapaċi jgħaqqdu l-flessibbiltà ma' grad għoli ta' reżiljenza għat-tfixkil mill-infurzar tal-liġi u jagħmlu użu minn tekniki ta' ħasil tal-flus, bħal servizzi bankarji sotterranji, fejn spiss iħalltu profitti illeċiti ma' assi legali b'modi li ma jinvolvu l-ebda tranżazzjoni finanzjarja.
- m) Ir-rapport jissottolinja li 86 % tan-networks kriminali ta' riskju għoli jagħmlu użu minn strutturi ta' negozju legali (LBS) bħala mod kif jiffaċilitaw l-attivitajiet kriminali tagħhom, bħala kontromiżura biex jevitaw li jinkixfu, jew għal finijiet ta' ħasil tal-flus. Huwa jenfasizza li l-maġġoranza tan-networks kriminali ta' riskju għoli jiffokaw fuq attività kriminali waħda, bl-attivitajiet tat-traffikar tad-drogi bħala l-aktar qasam prominenti tal-kriminalità.
- n) In-networks kriminali ta' riskju għoli spiss ikunu daww l-aktar dejjiema (b'terz minnhom ikunu attivi għal aktar minn 10 snin). Ir-rapport tal-Europol jikkonkludi li l-azzjoni tal-infurzar tal-liġi għandha żżomm l-attenzjoni fuq dawn in-networks, anke jekk diġà jinsabu taħt skrutinju tal-infurzar tal-liġi.

- o) B'kont meħud tal-fatt li r-rapport imsemmi hawn fuq huwa l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu, instabu xi lakuni importanti fl-intelligence. L-ewwel nett, għal madwar għoxrin fil-mija tan-networks irrapportati ma kienx magħruf jekk jużawx vjolenza jew korruzzjoni. It-tieni nett, għal aktar minn terz tan-networks kriminali ta' riskju għoli ma kienet disponibbli l-ebda informazzjoni dwar il-firxa tar-rikavati tagħhom mill-kriminalità. It-tielet nett, hemm lakuna fl-intelligence dwar l-orijini tal-armi tan-nar u l-isplussivi u n-networks involuti fit-traffikar tagħhom.
- p) Saru skambji ta' fehmiet fir-rigward tal-immappjar tan-networks kriminali li jgħolqu l-akbar theddid għas-soċjetà kemm fil-laqgħa informali kif ukoll fil-laqgħat formali tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna (COSI) matul il-Presidenza Belġjana.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

Kunsiderazzjonijiet ġenerali:

1. Filwaqt li jafferma mill-ġdid l-impenn li tiġi indirizzata l-kriminalità serja u organizzata u jirrikonoxxi t-theddid persistenti min-networks kriminali ta' riskju għoli għas-sikurezza, is-sigurtà u l-prosperità tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha.
2. Filwaqt li jirrikonoxxi n-natura u s-sofistikazzjoni dejjem jevolvu ta' dawn in-networks u jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' għbir ta' intelligence bl-għan li tiżdied il-kooperazzjoni operazzjonali fost l-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE.
3. Filwaqt li jilqa' l-għarfien, il-konklużjonijiet u t-tagħlimiet meħuda tar-rapport tal-Europol "Decoding the EU's most threatening criminal networks" u li jafferma mill-ġdid l-impenn li jiġi adottat approċċ komprensiv u mmexxi mill-intelligence għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u serja – b'mod partikolari n-networks kriminali ta' riskju għoli – permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inkluż l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi rilevanti tal-Istati Membri, l-awtoritajiet ġudizzjarji, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.
4. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-valur miżjud u r-rwol ċentrali tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT), bħala strument immexxi mill-Istati Membri, appoġġat mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE, li juża approċċ multidixxiplinari biex jidentifika, jipprioritizza u jindirizza t-theddid mill-kriminalità serja u organizzata.
5. Filwaqt li jilqa' r-rapport u l-azzjonijiet ta' segwitu tiegħu deskritti ulterjorment f'dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill bħala meħtieġa biex jikkomplementaw iċ-ċiklu ta' EU SOCTA u EMPACT, li huma prinċipalment xprunati mill-analiżi ta' fenomeni kriminali.

6. Filwaqt li jirrikonoxxi li t-theddid mill-kriminalità organizzata serja jmur lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u jeħtieġ rispons strateġiku u operazzjonali kollettiv li jiffoka fuq l-istrutturi kollha kemm huma u bbażat fuq kooperazzjoni msaħħa permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, it-twettiq ta' investigazzjonijiet konġunti, u l-prosekuzzjoni tal-membri ewlenin tan-networks kriminali ta' riskju għoli bil-parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri tal-UE, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("UPPE"), aġenziji oħra tal-UE u sħab internazzjonali.
7. Filwaqt li jissottolinja li l-iżvilupp ulterjuri tal-istampa tal-intelligence dwar networks kriminali ta' riskju għoli huwa pass fundamentali li jmiss biex inkomplu nsaħħu l-approċċ tagħna għaż-żarmar tagħhom.
8. Filwaqt li huwa konvint li jeħtieġ li jiġi żgurat aktar rispons effettiv għat-theddid ippreżentat min-networks kriminali ta' riskju għoli permezz ta' miżuri politiċi, strateġiċi, tattiċi u operazzjonali, kif rilevanti.
9. Filwaqt li jafferma mill-ġdid li l-Europol ser tkompli tappoġġa u ssaħħa l-azzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-kxif, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata li taffettwa żewġ Stati Membri jew aktar.

Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri:

10. Jipprevedu li s-servizzi tal-infurzar tal-liġi tagħhom jaħdmu mal-Europol bil-ħsieb li tiġi sfruttata u analizzata aktar id-data rilevanti dwar in-networks kriminali disponibbli fil-Europol biex jikkomplementaw u jintegraw, fejn rilevanti, il-pożizzjonijiet ta' intelligence nazzjonali tagħhom fir-rigward ta' dawk in-networks kriminali.
11. Jiżguraw li, permezz tar-regoli u l-proċeduri applikabbli, is-servizzi tal-infurzar tal-liġi tagħhom ikunu jistgħu jikkondividu l-informazzjoni rilevanti mas-servizzi tal-infurzar tal-liġi ta' Stati Membri oħra tal-UE jew sħab terzi.
12. Jitolbu lill-ixprunaturi, il-koxrpunaturi u l-mexxejja u l-komexxejja tal-azzjonijiet tal-prijoritajiet rilevanti tal-EMPACT jisfruttaw aktar ir-riżultati tar-rapport tal-Europol bil-ħsieb li jittieħdu l-passi meħtieġa biex l-azzjonijiet tal-EMPACT jiġu ffukati aktar fuq in-networks kriminali ta' riskju għoli.
13. Jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu r-riżultati rilevanti tar-rapport biex jiggwidaw aktar l-appoġġ prijoritizzat mill-Europol permezz tal-kunċett ta' HVT/OTF, skwadri ta' investigazzjoni konġunti u azzjonijiet operazzjonali mmirati tal-EMPACT.
14. Iwettqu investigazzjonijiet proattivi u komprensivi fir-rigward tan-networks kriminali ta' priorità sabiex jinkludu l-attivitajiet ta' appoġġ rilevanti kollha ta' dawk in-networks, u jikkuntattjaw lill-Eurojust, fejn rilevanti, biex jiffaċilitaw l-involvement bikri tal-awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti bil-ħsieb li jkomplu jappoġġaw l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' membri ewlenin tan-networks kriminali ta' riskju għoli.
15. Jitolbu lill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom jinvestu aktar fl-investigazzjonijiet finanzjarji u jsaħħuom, b'mod iżolat jew b'mod parallel ma' dawk li jiffukaw fuq reati kriminali oħra, bl-involvement tal-Eurojust u partijiet ikkonċernati oħra fejn rilevanti, biex jiżguraw irkupru effettiv tal-assi tar-rikavat mill-kriminalità - f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1260 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi - u jsaħħu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus.

16. Jiżviluppaw aktar il-metodoloġiji nazzjonali tagħhom ta' skennjar u ta' kxif sabiex jidentifikaw b'mod aktar komprensiv u preċiż in-networks kriminali ta' riskju għoli li huma attivi fl-Istat Membru tagħhom. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma mistiedna jikkunsidraw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħolqien ta' metodoloġija dijanjostika komuni tal-kriminalità organizzata kif diġà previst fl-OAP 2024-2025 fi ħdan il-prijorità tal-HRCN tal-EMPACT. Din il-metodoloġija għandha tiġi żviluppata aktar fis-snin li ġejjin sabiex kull Stat Membru jkun jista' japplikaha b'mod flessibbli u li jkun adatt għall-organizzazzjoni nazzjonali tiegħu stess, iżda eventwalment għandha tiddetermina wkoll standards biex tiffaċilita t-tqabbil u l-immappjar tat-theddid tan-networks kriminali fil-livell tal-UE.
17. Isaħħu l-inizjattivi ta' taħriġ u tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-persunal tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji biex jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom fil-kxif, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, u t-tfixkil tan-networks kriminali ta' riskju għoli, fejn rilevanti f'kooperazzjoni mill-qrib mas-CEPOL.

II-Kunsill jistieden lill-Istati Membri u lill-Europol:

18. Jintegraw ir-riżultat tal-eżerċizzju ta' mmappjar attwali fl-EU SOCTA 2025 u jqisuh meta jiddefinixxu l-prijoritajiet il-ġodda taċ-Ċiklu tal-EMPACT 2026-2029 li jmiss, b'enfasi partikolari fuq il-Pjanijiet ta' Azzjoni Operazzjonali (OAPs) tal-EMPACT 2026-2027 bħala l-ewwel pass.
19. Iwettqu eżerċizzju ta' mmappjar fuq in-networks kriminali ta' riskju għoli kull sentejn li jibda b'rapport li għandu jiġi ppreżentat fl-2026 sabiex ikun jista' jitqies fl-OAPs tal-EMPACT 2028-2029. Min-naħa tagħhom, ir-riżultati tar-rapport ta' segwitu għandhom jiġu integrati fl-EU SOCTA/EU SOCTA ta' nofs it-terminu u jikkontribwixxu għall-OAPs tal-EMPACT biennali tal-UE. Sabiex jiġi minimizzat l-ammont ta' xogħol u tiġi żgurata ħarsa ġenerali aġġornata tan-networks l-aktar ta' theddida, il-Europol ser tagħmel is-sett ta' data attwali disponibbli għall-Istati Membri u l-Istati Membri ser ikollhom il-possibbiltà li jaġġornaw id-data tagħhom kontinwament kif jitqies adatt.

20. Jirfinaw aktar – abbażi tat-tagħlimiet meħuda u f'kollaborazzjoni mal-grupp konsultattiv tas-SOCTA – il-metodoloġija għall-eżerċizzju ta' mmappjar billi tinġabar data aktar rappreżentattiva u tiġi aġġustata mill-ġdid il-metodoloġija abbażi tal-indikaturi tat-theddid użati għall-analiżi komuni ulterjuri.
21. Jaqblu b'mod konġunt – fil-kuntest ta' eżerċizzji ta' mmappjar futuri u għalihom – dwar definizzjoni ta' ħidma komuni tan-networks kriminali ta' riskju għoli.
22. Jesploraw il-possibbiltajiet – filwaqt li jitqies il-progress li sar mill-Istati Membri fl-iżvilupp ulterjuri tal-metodoloġiji nazzjonali tagħhom – li r-rapport jevolvi b'tali mod li t-theddid tan-networks kriminali ta' riskju għoli jista' jitqabbel fir-rigward ta' żoni ġeografiċi rilevanti fl-UE.
23. Jagħlqu b'mod konġunt il-lakuni fl-intelligence identifikati fir-rapport attwali, fir-rigward tal-użu tal-vjolenza, il-firxa tar-rikavat mill-kriminalità u l-użu tal-armi tan-nar. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar jenħtieġ aktar progress fl-istabbiliment sħiħ ta' Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar, dwar l-iżvilupp ta' ġabra armonizzata ta' data dwar is-sekwestri tal-armi tan-nar fil-livell nazzjonali u dwar il-kontribut futur tad-data għaċ-ċentru tal-armi tan-nar tal-UE fil-Europol.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni:

24. Tkompli tappoġġa l-EMPACT u l-operazzjonijiet tagħha bħala pjattaforma mmexxija mill-Istati Membri għal approċċ multidixxiplinari għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, fost l-oħrajn billi tipprovdi opportunitajiet ta' finanzjament adegwati.
25. Tagħmel aktar progress fin-negozjar tal-ftehimiet tal-UE mal-pajjiżi MENA u tal-Amerka t'Isfel, li għalihom il-Kunsill diġà ta l-awtorizzazzjoni tiegħu, sabiex jiżdiedu l-possibbiltajiet għall-kondiviżjoni ta' data personali mal-Europol u l-Eurojust.

Il-Kunsill jistieden ukoll lill-Europol:

26. Tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri s-sett ta' data attwali dwar in-networks kriminali f'applikazzjoni waħda jew f'bażi ta' data waħda sabiex jipprovdi lill-Istati Membri l-opportunità li jaġġornaw id-data tagħhom b'mod kontinwu, u tintroduċi din l-applikazzjoni matul l-2025 filwaqt li tiżgura li l-Istati Membri jkollhom biss aċċess dirett għad-data tagħhom stess.
27. Tippubblika rapport speċifiku sa tmien l-2024 dwar l-użu ta' strutturi kummerċjali legali min-networks kriminali ta' riskju għoli. Dan ir-rapport ser jikkontribwixxi wkoll għat-triq 'il quddiem fir-rigward tal-importanza tal-użu ulterjuri tal-approċċ amministrattiv bħala kontromiżura importanti fil-ġlieda tagħna kontra l-kriminalità serja u organizzata.
28. Tippubblika rapport speċifiku sa tmien l-2024 li jipprovdi aktar għarfien dwar ir-rabta bejn il-kriminalità u t-terroriżmu u l-modi li bihom in-networks tal-kriminalità organizzata huma marbuta ma' attivitajiet terroristiċi.

Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea:

29. Ikomplu jaħdmu biex jindirizzaw il-kriminalità serja u organizzata u jippromwovu t-tfixkil tal-infiltrazzjoni kriminali fl-ekonomija legali permezz ta' azzjoni amministrattiva, bl-użu tal-"approċċ amministrattiv", u biex iżidu l-isforzi għall-prevenzjoni tal-kriminalità u b'mod partikolari r-reklutaġġ ta' tfal u żgħażaġħ minn gruppi tal-kriminalità organizzata, inkluż billi jappoġġaw il-ħidma tal-awtoritajiet rilevanti fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali f'dan l-isforz.